KUNSILL LOKALI NADUR

# Minuti tat-tieni (2) laqgħa tat-tmien (8) Kunsill Lokali tan-Nadur

## It-Tnejn, 11 ta' Mejju, 2015 fis-6.45pm

---

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |
| Michael Camilleri | Kunsillier |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Danica Cassar | Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ |
| *Joseph Azzopardi* | *Aġent Segretarju Eżekuttiv* |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |

---

**1. Talba.**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

**2. Minuti.**

Il-minuti tal-laqgħa numru 1 tat-tmien Kunsill ġew ikkoreġuti, approvati, ffirmati u dikjarati bħala dokument uffiċjali. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-sotto-kumitat tal-Imnarja ser jiltaqa' nhar il-Hamis 14 ta' Mejju fis-6.30 p.m. (minuti tal-aħħar laqgħa tal-Kumitat diġa ġew ċirkolati).

**Edward Said**
Sindku

**Joseph Azzopardi**
Agent Segretarju Ezekuttiv

## 3. Korrispondenza.

| | |
|---|---|
| 5238 | Memo 9/2015 dwar il Kodiċi ta' Etika għar-Rappreżentanti Eletti tal-Gvern Lokali. |
| 5239 | Memo 10/2015 dwar għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabbilta ta' Librerija lokali fil-lokalita'. Il-Kunsill qabel li napplikaw għall-massimu jiġifieri 600 Ewro. |
| 5240 | Ittra mingħand il-MEUSAC fejn jitlob li ssir laqgħa mas-Sindku l-ġdid. |
| 5241 | *E-mail* mingħand Tal-Fuklar Folk Group. |
| 5242 | *E-mail* mingħand Josmarie Buttigieg mill-Ministeru għal Għawdex fejn titlob informazzjoni dwar xi rikjesti u ilmenti. Dwar il-*yellow line* ta' Peter Paul Grima dan diġa kien sar pero rega' iccekken u gie qasir iz-zejjed u issa ser jitwal ftit kif titlob il-ligi. Dwar it-tieni talba li titratta skart fi Triq ir-Ramla, is-Sindku nnota li tlabna lill-Ministeru l-identifikazzjoni tal-persuna li qed tagħmel l-ilment sabiex inkunu nafu fejn hi l-problema. |
| 5243 | *E-mail* mingħand il-KNPD rigward l-aċċess għall-ATM tal-HSBC peress li issa saret inaċċessibli għal min għandu xi diżabilita. Is-Sindku nnota li l-kuntrattur tal-Pjazza ser jagħmilha aċċessibbli. |
| 5244 | Talba mingħand l-Għaqda Armar Triq Diċembru 13 sabiex nikkollaboraw magħhom f'avveniment. Huma talbu laqgħa magħna biex jagħtuna l-proposta tagħhom. Din tista ssir il-Ħamis 14 ta' Mejju wara l-laqgħa tas-sotto-kumitat tal-Imnarja, u s-Sindku ser jinfurmahom. |
| 5245 | *E-mail* mingħand General Soft Drinks bħala konferma ta' għotja ta' 25 pakkett ilma għall-attivita' tat-tfal tal-Imnarja. |
| 5246 | Ittra mingħand l-Arċipriet dwar l-aċċess għar-rampa tal-knisja u għall-parkeġġ tal-persuni b'diżabilita meta jkun hemm monti f'okkażjonijiet speċjali. Is-Sindku nnota li dan diġa kien attwat fl-aħħar monti speċjali li organizzajna. |
| 5247 | Rikjesta għal "No Objection" għall-gabbana f'San Blas bħalma ġara fis-snin li għaddew. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni basta jzommu mal-permessi u kundizzjonijiet tal-M.E.P.A. |
| 5248 | *E-mail* mingħand l-Oratorju Don Bosco fejn jinforma lil Kunsill li għandhom offerta għall-gruppi ta' mhux inqas minn 50 persuna għall-film *Simshar.* |
| 5249 | *E-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali dwar seminar li ser isir nhar il-Ħamis 21 ta' Mejju relatat mal-kontenut li jittella' fuq l-internet. |
| 5250 | *E-mail* b'informazzjoni dwar il-Beerpump Festival 2015. Is-Sindku innota li sitt persuni ser jitilqu fit-13 ta' Mejju biex jirrapreżentaw lill-Kunsill f'din l-attivita. |
| 5251 | Memo 27/2014 dwar Skema ta' Inizjattivi ta' Attivitajiet 2014 – 2015. Id-Dipartiment mhux ser jagħti finanzjament għall-Wirja Agrarja. Il-Kunsill qabel li niktbu lill-Onorevoli Ministru ghal Għawdex u lill-Ministru/Segretarju Parlamentari responsabbli minn Żvilupp Sostenibbli. |
| 5252 | *E-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali dwar ħlas amministrattiv għat-tqassim tal-*cards* tal-passiggieri tat-trasport pubbliku. Il-Kunsill ser jieħu ħlas ta' 50 Ewro fis-sena. |
| 5253 | *E-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali dwar titjib tal-ambjent fiż-żoni urbani. |
| 5254 | Ittra minghand l-Ufficcju tal-Kummissarju għat-Tfal dwar korsijiet Rights 4 U. Ser ninfurmaw permezz ta' *facebook, Nursery*, Mużew tas-Subien u Ċentru taż-Żgħażagħ. |
| 5255 | *E-mail* mingħand id-Dipartiment tal-Kultura dwar *play writing competition.* Ser ninfurmaw lir-residenti permezz ta' *facebook.* |
| 5256 | *E-mail* mingħand Klinsmann & Band fejn qed juri interess li jipparteċipa fil-Wine Festival. |
| 5257 | Ittra mingħand il-MEPA dwar il-permess ta' żvilupp tal-*plant room*. Ser naraw ftit dwar il-finanzjament tagħha billi nitolbu kwotazzjoni. |

**Edward Said**
**Sindku**

**Joseph Azzopardi**
**Agent Segretarju Ezekuttiv**

| | |
|---|---|
| 5258 | Invit għal laqgħa tac-Charter fil-Lithuania bejn it-30 ta' Lulju u t-3 ta' Awwissu għal għaxar persuni – sitta kbar u erba' żgħażagħ. Is-Sindku nnota li Charles Said u Marija Natoli m'aċċettawx. Hu kompla li Josef Camilleri ser jieħu ħsieb il-wirja agrarja b'mod volontarju u għalhekk tajnieh l-opportunita li jkun parti mill-grupp. Nicholas Haber u Shaun Azzopardi ma jistgħux jattendu. Ser inkellmu lil Rachel Ann Said. Il-lista finali hi: Edward Said, Karistu Camilleri, Rita Mifsud Attard, Josef Camilleri, Peter Muscat, Paul Mercieca, Josianne Cutajar, Michael Camilleri, Danica Cassar u Rachel Ann Said. |
| 5259 | *E-mail* lil Gatt Group dwar ħsara f'sistema tad-drenaġġ fi Triq San Ġakbu. |
| 5260 | Talba mingħand The Physically Handicapped Rehabilitation Fund għal donazzjonijiet. Ser niċċirkolawha mal-kunsilliera. |
| 5261 | Ittra mill-Kunsill lil Ġanni Muscat fejn ġbidnielu l-attenzjoni biex ma jħallix il-kelb barra fit-triq peress li dan qed iqatta' l-boroż taż-żibel. |
| 5263 | Is-Soċjeta' Filarmonika Mnarja titlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill għall-kunċert li se jittella' fis-26 ta' Ġunju 2015. Il-Kunsill qabel li jikkollabora għal dan il-Kunċert pero dan għandu jiġi diskuss mas-Soċjeta'. |
| 5264 | Is-Soċjeta' Filarmonika Mnarja titlob kollaborazzjoni tal-Kunsill għar-rivista Mnarja. Il-Kunsill ser jiddiskuti din it-talba wkoll mas-Soċjeta'. |
| 5265 | *E-mail* mingħand Mary Anne Bonello biex is-siġar jiġu protetti waqt li jkun qed isir xogħol fit-toroq tagħna. |
| 5266 | Ittra mingħand Amanda Abela mill-Bord ta' Ko-finanzjament bħala konferma li aċċettaw l-applikazzjonijiet tagħna għal Ko-Finanzjament – CV 7237, kemm fuq il-proġett tal-pjazza kif ukoll fuq l-aċċess tal-bdiewa fi Triq Wied Binġemma. Hi ppreżentatilna l-kuntratti ta' €49,558.49 u €7,142.01 Ewro u l-Kunsill qabel unanimament li niffirmawhom. |
| 5268 | *No Objection* mingħand Transport Malta għal double *Yellow Lines* faċċata ta' 35,Triq Ċimcem, Nadur u mera fl-istess triq. Is-Sindku nnota li għal din id-darba ma jsibx problema japprovahom la huma fil-limiti tal-liġi pero lil Transport Malta u lill-Ministeru għal Għawdex ser ninformawhom li għandna nkunu nfurmati minn qabel mhux wara li jiġu approvati. Il-Kunsilliera qablu li għal din id-darba dan ix-xogħol ser isir mill-kunsill lokali stess. |
| 5269 | Ittra mingħand Robert Grech dwar varjazzjonijiet li jitrattaw il-materjal fil-proġett tal-pjazza. Rita Mifsud staqsiet jekk għandniex bżonn clearance mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Is-Sindku ser jiċċekkja mal-Perit dwar dan. |
| 5270 | *E-mail* mingħand l-MCA dwar xi laqgħat fuq l-użu tal-*Internet Banking;* din nirreklamawha għall-pubbliku permezz ta' *facebook.* |
| 5271 | *Invoice* mibgħuta lil Smart Office għal *sponsorship* tal-*Christmas Cheers.* |
| 5272 | *E-mail* mingħand il-MEPA dwar pjanti ġodda rigward l-iżvilupp propost fil-belvedere fi Triq David Cocco Palmieri. |
| 5273 | *E-mail* mingħand Catherine Tabone dwar prezzijiet speċjali għal ħarġiet organizzati mill-Kunsilli għal persuni anzjani fi gruppi ta' 20 jew aktar. |
| 5276 | Ittra mingħand it-TCTC biex jawguraw lis-Sindku u l-kunsilliera l-ġodda. |
| 5277 | Ittra mingħand KOPIN dwar kors b'xejn għall-bdiewa; dan ġie reklamat permezz ta' facebook. |
| 5278 | *E-mail* mingħand Angela Vella dwar il-korsijiet tal-Lifelong Learning u fejn ser jinżammu. Is-Sindku kellem lill-Kap tal-Iskola Primarja. Hi ser tikkommunika mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni pero m'għandux ikun hemm problema għall-użu tal-klassi. |
| 5279 | *E-mail* mingħand Gabriella Cassola dwar l-*Electric Car Charging Point* fil-pjazza. Qed nintalbu nħallsu għall-ispejjeż tar-rilokazzjoni li huma sostanzjali. Il-Kunsill qabel li ngħaddu biss piping għal post ieħor fil-Pjazza, pero l-point innifisha tibqa' fejn qiegħda |

**Edward Said**
**Sindku**

**Joseph Azzopardi**
**Agent Segretarju Ezekuttiv**

| | |
|---|---|
| | għalissa. |
| 5280 | *E-mail* mingħand Gozo Action Group fejn infurmana li sat-30 ta' Ġunju irid ikun ingħalaq il-proġett tal-pjazza. |
| 5281 | *E-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali dwar EU Funding Training and Informative Seminar li ser isir nhar it-Tlieta 19 ta' Mejju 2015 f'Tas-Sliema. Michael Camilleri u possibilment xi ħadd mill-impjegati għandhom jattendu. |
| 5283 | *E-mail* mill-M.E.P.A. fejn infurmawna li fil- U.I.F. għandna €39,206.69. Is-Sindku nnota li tajjeb li nibdew naħsbu dwar proġett li nistgħu nissottomettu. |
| 5284 | *E-mail* mid-DLG fejn infurmawna li l-kwistjoni tal-ħlasijiet mal-Melita issa ġiet solvuta. |
| 5285 | *E-mail* mid-DLG dwar international awareness tal-fibromyalgia. Il-Kunsill qabel li nieħdu sehem billi nixgħelu l-faċċata tal-Kunsill fil-lejl tal-11 ta' Mejju. |
| 5286 | Konferma li ser issir taħdita dwar id-dimentia fil-Kunsill tan-Nadur fit-12 ta' Awissu. Iktar dettalji jitħabbru 'l quddiem. |

## 4. Offerti Pubbliċi għall-Kiri ta' Makkinarju u Provista ta' Siment.

Il-Kunsill iddiskuta d-dettalji relatati ma' dawn l-offerti, li kienu ntbagħtu lill-kunsilliera qabel il-laqgħa. Ġew approvati l-emendi għal dawn l-ispeċifikazzjonijiet. Id-data tal-għeluq hi l-Ġimgħa 19 ta' Ġunju 2015. Il-*bid bond* ser tkun ta' €465 fiż-żewġ każijiet skont ir-regolamenti.

## 5. Attivitajiet Imnarja, inkluż kwotazzjonijiet.

Is-Sindku nnota li l-programm tal-festa jibda mit-18 ta' Ġunju u jispiċċa fl-1 ta' Lulju. Fil-ftuħ tal-festi, is-soltu kienet qed tiġi inawgurata wirja fil-Kunsill. Wara diskussjoni kien hemm qbil li għal din is-sena din ma ssirx minħabba problemi fl-iskeda tal-festa u limitazzjonijiet oħra. Fid-19 ta' Ġunju hemm attivita' taż-żgħażagħ. Dakinhar il-Kunsill ser jikkontribwixxi bis-sistema tal-P.A. u d-dawl. Fl-20 u fil-21 ta' Ġunju ser ikollna l-wirja agrarja li ser jieħu ħsiebha b'mod volontarju Josef Camilleri u li hi l-attivita' prinċipali tal-Kunsill fl-Imnarja. Is-Sindku innota li hemm grupp ta' żgħażagħ li lesti li jagħtu s-sehem tagħhom għal din il-wirja. Ser niktbu ittra lill-bdiewa sabiex jieħdu sehem. Irridu naħsbu għal xi 150 memorabilia. Ser niddiskutu mas-Soċjeta Filarmonika Mnarja dwar il-marċ dakinhar tal-wirja. Ċerti dettalji ser jiġu diskussi fil-laqgħa tas-sotto-kumitat. Fl-attivita' tat-tfal ser naraw li nagħtu ċans lil min lest jagħmel entertainment b'xejn, speċjalment tfal u żgħażagħ min-Nadur. Fit-23 ta' Ġunju hemm il-Kunċert tal-Banda (dwar dan ser niltaqgħu mal-Kumitat tal-Banda). Fl-24 ta' Ġunju hemm attivita fil-Knisja u fil-25 ta' Ġunju l-ikla tal-festa. Ser nippruvaw nagħtu ċans lit-talent lokali anke possibilment fejn jidħlu comperes. Fis-26 ta' Ġunju hemm l-attivita' tal-Għaqda Diċembru 13 li ser niddiskutuha f'laqgħa magħhom. Fit-28 ta' Ġunju l-Kunsill jorganizza it-Tiġrija taż-żwiemel (spejjeż ta' €600 għall-premjiiet). Fl-1 ta' Lulju waqt ix-xalata il-Kunsill ser jikkontribwixxi bil-P.A. u d-dawl. Il-Kumitat Ċentrali għandu jieħu ħsieb l-*entertainment* ta'

Edward Said
Sindku

Joseph Azzopardi
Agent Segretarju Ezekuttiv

din l-aħħar attivita'. Il-Kunsill qabel li niltaqgħu mal-Kumitat tal-Banda l-Ġimgħa 15 ta' Ġunju fis-6.15p.m. Ser nitkellmu magħhom ukoll dwar il-Lyrics tas-CD li jinkludi żewġ marċi ġodda. Inqrat ittra mill-parroċċa dwar esebizzjoni fl-Imnarja ta' San Pietru u San Pawl u ktieb tal-okkażżjoni. Il-Kunsill qabel li jagħmel reklam u jikkontribwixxi (mhux iktar minn €150). Il-Kunsill iddiskuta l-kwotazzjonjiet li ser jinħarġu. Dawn jagħlqu fil-5 ta' Ġunju meta jkun hemm laqgħa oħra tas-sotto kumitat. Dawn jinkludu sistemi tal-P.A. u tad-dawl u t-tindif ta' żmien il-festa. Ser nitolbu wkoll żewġ kwotazzjonijiet għall-Attivita' tat-Tfal (somma globali).

**6. Affarijiet Oħra.**

***a. Proġett tal-Pjazza.***

L-aġent segretarju eżekuttiv ta' rendikont tas-sorsi tal-finanzjament u tal-commitments li għandna fuq dan il-proġett. Ix-xogħol relatat mal-proġett tal-embellishment tal-Pjazza ser jiswa' għal madwar total ta' €400,000. Il-programmi M313 u M413.4 minn Fondi Ewropej, flimkien ma ko-finanzjament mill-Gvern Ċentrali u skema oħra mis-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali ser jiffinanzjaw madwar €310,000 ta' dan ix-xogħol. Il-Kunsill Lokali tan-Nadur irid jagħmel tajjeb għad-differenza. Dwar xogħljiiet, is-Sindku nnota li ġew mgħoddija s-servizzi kollha ġodda inkluż dawl, ilma u drenaġġ; servizzi tal-ilma tad-djar ukoll huma lesti. Il-ġibjun tal-ilma tlesta fil-jiem li għaddew. Hu kompla li din il-ġimgħa ser jibda t-tqaxxir tal-pjazza jekk ma jinqala' xejn u eventwalment tingħata l-ewwel kisja tarmac flimkien mal-bidu tax-xogħol fuq il-bankina. Dwar il-kuntrattur, dan kkommetta ruħu għal night shift u dak il-ħin ser ikun hemm il-pjazza imdawla. Sadanittant hemm *bilateral meeting* fil-21 ta' Mejju li għalih għandu jattendi l-Perit tal-Kunsill.

***b. Triq Torri Sopu.***

Is-Sindku innota li l-Ministeru għal Għawdex hu mistenni li jibda dalwaqt ix-xogħol fuq Triq it-Torri ta' Sopu peress li l-offerta pubblika tagħlaq fid-19 ta' Mejju.

***c. Wine Festival.***

Is-Sindku innota li Wine Festival ser isir nhar it-28, 29 u 30 ta' Awwissu. Is-Sindku wkoll talab aktar għajnuna finanzjarja mingħand Delicata fejn jidħol l-entertainment.

***d. Vandaliżmu.***

Is-Sindku innota li dwar il-vandaliżmu tal-ħitan, l-investigazzjoni tal-pulizija għadha għaddejja u għalissa nibqgħu kif qbilna fl-ewwel laqgħa.

**Edward Said**
**Sindku**

**Joseph Azzopardi**
**Agent Segretarju Ezekuttiv**

*e. Mirja.*

Is-Sindku ippropona u l-Kunsill qabel li nwaħħlu żewġ mirja: fi Triq Madonna ta' Lourdes faċċata ta' Triq Agius de Soldanis (din kienet ġa approvata fil-leġislatura li għaddiet) u fi Triq it-Tiġrija faċċata ta' Triq San Blas.

***f. Kompjuter.***

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li hemm bzonn urġenti li jinbidel il-kompjuter tar-*reception*. Għalhekk hu ġabar tliet kwotazzjonijiet mingħand Right Click (€465), Techline (€390) u Scan (€330). L-aħħar offerta tinkludi *keyboard* u *mouse* flimkien mal-*operating system*. Il-Kunsill aċċetta l-kwotazzjoni ta' Scan u dan ser jinxtara.

***g. Ħarġa għall-Anzjani.***

Il-Kunsill qabel li din tiġi organizzata nhar it-Tnejn 1 ta' Ġunju (postijiet San Lawrenz u Xlendi) għall-prezz ta' €7.50. Din ser tiġi reklamata bħas-soltu.

***h. Ħaddiema ETC.***

Is-Sindku ppropona biex napplikaw għall-iktar ħaddiema bl-iskema tal-E.T.C. ħalli jgħinuna fix-xogħol tagħna. Il-Kunsill qabel.

*i.* Josianne Cutajar innotat bozza mitluba minn Fortun Bonello f'Daħlet Qorrot, bankina ta' Joe Bigeni fi Triq il-Buskett, u punt dwar l-aċċess għall-garaxx ta' Ġużi Rapa fi Triq il-Kappillan meta jintrama il-Monti. Is-Sindku ser jindirizza dawn il-materji fil-ħin opportun.

**7. Data għall-Laqgħa Oħra.**

Il-laqgħa spiċċat fit-7.45p.m.

Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 8 ta' Ġunju 2015, fis-7.00p.m.

**Edward Said**
**Sindku**

**Joseph Azzopardi**
**Agent Segretarju Ezekuttiv**